

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B** **REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI** ► **C1 (UE) 2019/815** ◀
tas-17 ta' Diċembru 2018

li jissupplimenta d-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-ispeċifikazzjoni tal-format elettroniku uniku għar-rapportar

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 143, 29.5.2019, p. 1)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|-------------|---|------------------|-------|------------|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ► M1 | Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2100 tat-30 ta' Settembru 2019 | L 326 | 1 | 16.12.2019 |
| ► M2 | Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1989 tas-6 ta' Novembru 2020 | L 429 | 1 | 18.12.2020 |
| ► M3 | Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/352 tad-29 ta' Novembru 2021 | L 77 | 1 | 7.3.2022 |
| ► M4 | Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2553 tal-21 ta' Settembru 2022 | L 339 | 1 | 30.12.2022 |

Ikkoreġut minn:

► **C1** Emendi, Ġ.U. L 145, 4.6.2019, p. 85 (2019/815)



**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI ► C1 (UE)
2019/815 ◀**

tas-17 ta' Diċembru 2018

li jissupplimenta d-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-ispeċifikazzjoni tal-format elettroniku uniku għar-rapportar

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jispjega l-format elettroniku uniku għar-rapportar, kif imsemmi fl-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2004/109/KE li għandu jintuża għat-tnejn ta' rapporti finanzjarji annwali maħruġa mill-emittenti.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskop ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "tassonomija ewlenija" ifisser is-sett ikkombinat ta' elementi tassonomiċi stipulati fl-Anness VI u l-ġabra ta' links segwenti:
 - (a) bażi ta' links ta' preżentazzjoni, li jiġbor l-elementi tassonomiċi;
 - (b) bażi ta' links ta' kalkolu, li jesprimu r-relazzjonijiet aritmetiċi bejn l-elementi tassonomiċi;
 - (c) bażi ta' links ta' tikketta, li jiddeskrivu t-tifsira ta' kull element tassonomiku;
 - (d) bażi ta' links ta' definizzjoni, li jirriflettu r-relazzjonijiet dimensjonali tal-elementi tassonomiċi ewlenin;
- (2) "tassonomija ta' estensjoni" ifisser is-sett ikkombinat ta' elementi tassonomiċi stipulati fl-Anness VI u l-ġabra ta' links segwenti, li huma t-tnejn maħluqa mill-emittenti:
 - (a) bażi ta' links ta' preżentazzjoni, li jiġbor l-elementi tassonomiċi;
 - (b) bażi ta' links ta' kalkolu, li jesprimu r-relazzjonijiet aritmetiċi bejn l-elementi tassonomiċi;
 - (c) bażi ta' links ta' tikketta, li jiddeskrivu t-tifsira ta' kull element tassonomiku;
 - (d) bażi ta' links ta' definizzjoni, li jiżguraw validità dimensjonali tad-dokument ta' istanza XBRL li jirriżulta fl-isfond tat-tassonomija ta' estensjoni;

▼B

- (3) “Rapporti finanzjarji konsolidati IFRS” ifisser rapporti finanzjarji konsolidati imħejjija skont l-IFRS adottati skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 jew bl-IFRS kif imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2008/961/KE.

*Artikolu 3***Format elettroniku uniku għar-rapportar**

L-emittenti għandhom jippreparaw ir-rapporti finanzjarji tagħhom kollha fil-format XHTML.

*Artikolu 4***L-Immarkar tar-rapporti finanzjarji konsolidati IFRS**

1. Meta r-rapporti finanzjarji annwali jinkludu rapporti finanzjarji konsolidati IFRS, l-emittenti għandhom jimmarkaw dawk ir-rapporti finanzjarji konsolidati.

2. L-emittenti għandhom, bħala minimu, jimmarkaw id-divulgazzjonijiet speċifikati fl-Anness II meta dawn id-divulgazzjonijiet ikunu preżenti f'dawk ir-rapporti finanzjarji konsolidati IFRS.

3. L-emittenti jistgħu jimmarkaw divulgazzjonijiet preżenti f'rapporti finanzjarji konsolidati IFRS oħra li mhumiex dawk stipulati fil-paragrafu 2.

4. Għall-immarkar stipulat fil-paragrafi 1, 2 u 3, l-emittenti għandhom jużaw il-lingwaġġ tal-immarkar XBRL u għandhom jużaw tassonomija li fiha l-elementi għandhom ikunu dawk stipulati fit-tassonomija ewlenija. Meta, skont il-punt 4 tal-Anness IV, mhux xieraq li jintużaw l-elementi fit-tassonomija ewlenija, l-emittenti għandhom joħlqu elementi ta' estensjoni kif previst fl-Anness IV.

*Artikolu 5***L-Immarkar ta' partijiet oħra tar-rapporti finanzjarji annwali**

1. L-emittenti inkorporati fi Stat Membru jistgħu jimmarkaw il-partijiet kollha tar-rapporti finanzjarji oħra tagħhom li mhumiex dawk stipulati fl-Artikolu 4 jekk jużaw il-lingwaġġ tal-immarkar XBRL u tassonomija speċifika għal dawn il-partijiet u dik it-tassonomija tkun provduta mill-Istat Membru li fiha jkunu inkorporati.

2. L-emittenti inkorporati f'pajjiżi terzi ma għandhomx jimmarkaw xi partijiet mir-rapporti finanzjarji annwali tagħhom għajr ir-rapporti finanzjarji konsolidati IFRS.

▼B*Artikolu 6***Regoli komuni dwar l-immarkar**

Għall-immarkar li jsir skont l-Artikoli 4 u 5, l-emittenti għandhom jikkonformaw ma' dan li ġej:

- (a) l-inklużjoni tal-markaturi fir-rapporti finanzjarji annwali tal-emittenti fil-format XHTML bl-użu tal-ispeċifikazzjonijiet Inline XBRL stipulati fl-Anness III;
- (b) rekwiżiti dwar ir-regoli tal-immarkar u tal-preżentazzjoni stipulati fl-Anness IV.

*Artikolu 7***Fajls tat-tassonomija XBRL**

L-ESMA tista' tippublika fajls tassonomiċi XBRL li jistgħu jinqraw mill-magni u jitniżżlu li jkunu bbażati fuq it-tassonomija ewlenija. Dawk il-fajls għandhom ikunu konformi mal-kriterji stipulati fl-Anness V.

*Artikolu 8***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika għar-rapporti finanzjarji annwali li fihom rapporti finanzjarji għas-snin finanzjarji li jibdew fl-1 ta' Jannar 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼ **M4**

ANNEX I

Spjega tat-Tabelli tal-Annessi II, IV u VI

| DATA/ATTRIBUT TIP/ PREFISS | DEFINIZZJONI |
|-------------------------------|---|
| blokka tat-test | jindika li t-tip ta' element huwa blokk ta' test; jintuża sabiex jimmarka biċċiet akbar ta' informazzjoni, bħal noti, politiki tal-kontabbiltà jew tabelli; il-blokki tat-test huma entrati mhux numeriċi f'linja |
| test | jindika li t-tip ta' element huwa test (sekwenza ta' karattri alfanumeriċi); dan jintuża sabiex jimmarka biċċiet qosra ta' informazzjoni narrattiva; l-elementi tat-test huma entrati mhux numeriċi f'linja |
| ssss-xx-jj | tindika li t-tip ta' element huwa data; dawn l-elementi huma entrati f'linja u mhumiex numeriċi |
| X | tindika li t-tip ta' element huwa monetarju (numru f'munita ddiċjarata); dawn l-elementi huma entrati numeriċi f'linja |
| X.XX | tindika li t-tip ta' element huwa valur deċimalizzat (bħal perċentwal jew valur "għal kull sehem"); dawn l-elementi huma entrati numeriċi f'linja |
| ishma | tindika li t-tip ta' element huwa numru ta' ishma; dawn l-elementi huma entrati numeriċi f'linja |
| tabella | tindika l-bidu ta' struttura rrappreżentata minn tabella, fejn ir-ringieli u l-kolonni jikkontribwixxu għad-definizzjoni ta' kunċett finanzjarju fuq l-intersezzjoni tagħhom |
| assi | jindika proprjetà dimensjonali fi struttura tabulari |
| member | jindika member ta' dimensjoni fuq assi |
| gwida | tindika element li jappoġġa l-ibbrawżjar ta' kontenut ta' tassonomija |
| rwol | jindika element li jirrappreżenta taqsima ta' tassonomija, pereż. diċjarazzjoni ta' pożizzjoni finanzjarja, diċjarazzjoni tal-introjt, kull nota individwali, eċċ. |
| transunt | jindika element ta' raggruppament jew intestatura |
| istant jew durata | jindika li l-valur monetarju jirrappreżenta stokk (jekk istantanju) jew fluss (jekk fuq tul ta' żmien) |
| kreditu jew debitu | jindika l-bilanċ "naturali" tad-divulgazzjoni |
| esef_cor | prefiss applikat fit-Tabelli tal-Annessi IV u VI għall-elementi ddefiniti fl-ispazju tal-isem 'https://www.esma.europa.eu/taxonomy/2022-03-24/esef_cor' |

▼ **M4**

| DATA/ATTRIBUT TIP/ PREFISS | DEFINIZZJONI |
|-------------------------------|--|
| esef_all | prefiss applikat fit-Tabella tal-Anness VI għall-elementi definiti fl-ispazju tal-isem ' https://www.esma.europa.eu/taxonomy/2022-03-24/esef_all ' |
| esma_technical | prefiss applikat fit-Tabella tal-Anness VI għall-elementi definiti fl-ispazju tal-isem " http://www.esma.europa.eu/taxonomy/ext/technical " |
| ifrs-full | prefiss applikat fit-Tabelli tal-Annessi IV u VI għall-elementi ddefiniti fl-ispazju tal-isem ' https://xbrl.ifrs.org/taxonomy/2022-03-24/ifrs-full ' |

Id-dritt tal-awtur u d-dritt tal-bażi ta' *data* fil-Materjali tat-Tassonomija tal-IFRS jinżamm mill-Fondazzjoni IFRS. Il-Materjali tat-Tassonomija tal-IFRS huma prodotti bl-użu tal-lingwa XBRL bil-permess ta' XBRL International. Il-Fondazzjoni IFRS m'għandhiex tasserixxi d-drittijiet tagħha fil-Materjali tat-Tassonomija tal-IFRS fiż-ŻEE għall-preparazzjoni u għall-użu ta' rapporti finanzjarji tal-IFRS ittaggjati fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Istandards tal-IFRS. Il-Fondazzjoni IFRS tirriżerva d-drittijiet l-oħra kollha, inklużi iżda mhux limitati għal dawk barra ż-ŻEE. L-Użu Kummerċjali, li jinkludi r-riproduzzjoni, huwa strettament ipprojbit. Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-Fondazzjoni IFRS fuq www.ifrs.org

▼ **M4***ANNEX II***Markaturi obligatorji**

1. L-emittenti għandhom jimmarkaw in-numri kollha f'munita ddikjarata divulgata fir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja, fir-rapport tal-introjtu u introjtu komprensiv ieħor, fir-rapport tal-bidliet fl-ekwità u fir-rapport tal-flussi tal-flus fir-rapporti finanzjarji kkonsolidati skont I-IFRS.
2. L-emittenti għandhom jimmarkaw id-divulgazzjonijiet kollha magħmula fir-rapporti finanzjarji kkonsolidati skont I-IFRS jew magħmula b'kontroreferenza fihom għal partijiet oħrajn tar-rapporti finanzjarji annwali għas-snin finanzjarji li jibdeu fl-1 ta' Jannar 2023 jew wara, li jikkorrispondu għall-elementi fit-Tabella ta' dan l-Anness.

*Tabella***Elementi obligatorji tat-tassonomija fundamentali li għandhom jiġu mmarkati għas-snin finanzjarji li jibdeu fl-1 ta' Jannar 2023 jew wara**

| Tikketta | Tip | Referenzi għall-IFRSs |
|---|-----------------|------------------------|
| Isem tal-entità relatriċi jew mezz ieħor ta' identifikazzjoni | test | IAS 1 51 a |
| Spjegazzjoni ta' bidla fl-isem ta' entità relatriċi jew mezz ieħor ta' identifikazzjoni mill-aħħar tal-perjodu tar-rapportar preċedenti | test | IAS 1 51 a |
| Domiċilju tal-entità | test | IAS 1138 a |
| Forma legali tal-entità | test | IAS 1138 a |
| Pajjiż tal-inkorporazzjoni | test | IAS 1138 a |
| Indirizz tal-uffiċċju rreġistrat tal-entità | test | IAS 1138 a |
| Post prinċipali tan-negozju | test | IAS 1138 a |
| Deskrizzjoni tan-natura tal-operazzjonijiet u tal-attivitajiet prinċipali tal-entità | test | IAS 1138 b |
| Isem tal-entità omm | test | IAS 1138 c, IAS 24 13 |
| Isem tal-entità omm apikali ta' grupp | test | IAS 24 13 c, IAS 1138 |
| Tul tal-ħajja ta' entità b'ħajja limitata | test | IAS 1138 d |
| Dikjarazzjoni ta' konformità tal-IFRS [blokka tat-test] | blokka tat-test | IAS 1 16 |
| Spjegazzjoni tad-deroga mill-IFRS | test | IAS 1 20 b, IAS 1 20 c |
| Spjegazzjoni tal-effett finanzjarju tad-deroga mill-IFRS | test | IAS 1 20 d |
| Divulgazzjoni ta' inċertezzi tal-abbiltà tal-entità li tkompli bħala negozju avvjat [text block] | blokka tat-test | IAS 1 25 |
| Spjegazzjoni tal-fatti u tal-bażi għat-tħejjija tar-rapporti finanzjarji mhux fuq il-bażi ta' negozju avvjat | test | IAS 1 25 |

▼ M4

| Tikketta | Tip | Referenzi għall-IFRSs |
|---|-----------------|--|
| Spjegazzjoni ta' għaliex entità ma titqiesx bħala negozju avvjat | test | IAS 1 25 |
| Deskrizzjoni tar-raġuni għall-użu ta' perjodu tar-rapportar itwal jew iqsar | test | IAS 1 36 a |
| Deskrizzjoni tal-fatt li l-ammonti ppreżentati fir-rapporti finanzjarji mhumiex komparabbli għalkollox | test | IAS 1 36 b |
| Divulgazzjoni tar-riklassifikazzjonijiet jew tal-bidliet fil-preżentazzjoni [text block] | blokka tat-test | IAS 1 41 |
| Spjegazzjoni tas-sorsi ta' inċertezza tal-istima b'riskju sinifikanti li jiġi kkawżat aġġustament materjali | test | IFRIC 14 10, IAS 1125 |
| Divulgazzjoni tal-assi u tal-obbligazzjonijiet b'riskju sinifikanti ta' aġġustament materjali [text block] | blokka tat-test | IAS 1125 |
| Dividendi rikonoxxuti bħala distribuzzjonijiet lis-sidien għal kull sehem | X, durata | IAS 1107 |
| Dividendi proposti jew iddikjarati qabel ir-rapporti finanzjarji awtorizzati għall-ħruġ iżda mhux rikonoxxuti bħala distribuzzjoni lis-sidien | X durata | IAS 10 13, IAS 1137 |
| Dividendi proposti jew iddikjarati qabel ir-rapporti finanzjarji awtorizzati għall-ħruġ iżda mhux rikonoxxuti bħala distribuzzjoni lis-sidien għal kull sehem | X.XX durata | IAS 1137 a |
| Divulgazzjoni tal-ġudizzji u tal-istimi kontabilistiċi [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-ispejjeż dovuti u ta' obbligazzjonijiet oħrajn [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-provvediment għat-telf ta' kreditu [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-kumpaniji assoċjati [text block] | blokka tat-test | IFRS 12 B4 d, IAS 27 17 b, IAS 27 16 b |
| Divulgazzjoni tar-rimunerazzjoni tal-awdituri [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-awtorizzazzjoni tar-rapporti finanzjarji [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-bażi ta' konsolidazzjoni [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-bażi ta' tħejjija tar-rapporti finanzjarji [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-assi bijoloġiċi, tal-prodotti agrikoli fil-punt tal-ħsad u tal-għotjiet mill-gvern relatati ma' assi bijoloġiċi [text block] | blokka tat-test | IAS 41 Divulgazzjoni |
| Divulgazzjoni tal-kostijiet tat-teħid b'self [text block] | blokka tat-test | IAS 23 Divulgazzjoni |
| Divulgazzjoni tat-teħid b'self [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-kombinamenti ta' negozji [text block] | blokka tat-test | IFRS 3 Divulgazzjonijiet |

▼ M4

| Tikketta | Tip | Referenzi għall-IFRSs |
|--|-----------------|--|
| Divulgazzjoni tal-bilanċ tal-flus u tal-bilanċ bankarju fil-banek ċentrali [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-flus u tal-ekwivalenti ta' flus [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tar-rapport tal-flussi tal-flus [text block] | blokka tat-test | IAS 7 Preżentazzjoni ta' rapport tal-flussi tal-flus |
| Divulgazzjoni tal-bidliet fil-politiki kontabilistiċi [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-bidliet fil-politiki kontabilistiċi, fl-istimi ta' kontabilità u żbalji [text block] | blokka tat-test | IAS 8 Politiki kontabilistiċi |
| Divulgazzjoni tal-kollateral [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-pretensjonijiet u tal-benefiċċji mħallsin [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-impenji [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-impenji u tal-obbligazzjonijiet kontinġenti [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-obbligazzjonijiet kontinġenti [text block] | blokka tat-test | IAS 37 86 |
| Divulgazzjoni tal-kost tal-bejgħ [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tar-riskju ta' kreditu [text block] | blokka tat-test | IFRS 7 Credit risk, IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-istrumenti ta' dejn [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-kostijiet tal-akkwiżizzjoni differiti li jinħolqu minn kuntratti ta' assigurazzjoni [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-introjtu differit [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tat-taxxi differiti [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tad-depożiti mill-banek [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tad-depożiti mill-klijenti [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-ispiża tad-deprezzament u tal-amortizzament [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-istrumenti finanzjarji derivattivi [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-operazzjonijiet li ma tkomplewx [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tad-dividendi [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-qligħ għal kull sehem [text block] | blokka tat-test | IAS 33 Divulgazzjoni |
| Divulgazzjoni tal-effett tal-bidliet fir-rati tal-kambju [text block] | blokka tat-test | IAS 21 Divulgazzjoni |
| Divulgazzjoni tal-benefiċċji tal-impjegati [text block] | blokka tat-test | IAS 19 Kamp ta' Applikazzjoni |

▼ **M4**

| Tikketta | Tip | Referenzi għall-IFRSs |
|--|-----------------|---------------------------------------|
| Divulgazzjoni tas-segmenti tal-operat tal-entità [text block] | blokka tat-test | IFRS 8 Divulgazzjoni |
| Divulgazzjoni tal-avvenimenti wara l-perjodu tar-rapportar [text block] | blokka tat-test | IAS 10 Divulgazzjoni |
| Divulgazzjoni tal-ispejjeż [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-ispejjeż skont in-natura tagħhom [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-assi ta' esplorazzjoni u ta' evalwazzjoni [text block] | blokka tat-test | IFRS 6 Divulgazzjoni |
| Divulgazzjoni tal-kejl tal-valur ġust [text block] | blokka tat-test | IFRS 13 Divulgazzjoni |
| Divulgazzjoni tal-valur ġust tal-istrumenti finanzjarji [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-introjt minn tariffi u minn kummissjonijiet (spiża) [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-kost tal-finanzjament [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-introjt (kost) finanzjarju [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-introjt finanzjarju [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-assi finanzjarji miżmuma għan-negozju [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-istrumenti finanzjarji [text block] | blokka tat-test | IFRS 7 Kamp ta' Applikazzjoni |
| Divulgazzjoni tal-istrumenti finanzjarji fuq il-bażi tal-valur ġust permezz ta' profitt jew telf [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Id-divulgazzjoni tal-istrumenti finanzjarji speċifikati fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-istrumenti finanzjarji miżmuma għan-negozju [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-obbligazzjonijiet finanzjarji miżmuma għan-negozju [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-ġestjoni tar-riskji finanzjarji [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-adozzjoni għall-ewwel darba [text block] | blokka tat-test | IFRS 1 Preżentazzjoni u divulgazzjoni |
| Divulgazzjoni tal-ispiża ġenerali u amministrattiva [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni ta' informazzjoni ġenerali dwar ir-rapporti finanzjarji [text block] | blokka tat-test | IAS 1 51 |
| Divulgazzjoni tan-negozju avvjat [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-avvjament [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-ġhotjiet mill-gvern [text block] | blokka tat-test | IAS 20 Divulgazzjoni |

▼ **M4**

| Tikketta | Tip | Referenzi għall-IFRSs |
|---|-----------------|--|
| Divulgazzjoni tar-rapportar iperinflazzjonarju [text block] | blokka tat-test | IAS 29 Divulgazzjoni |
| Divulgazzjoni tal-indeboliment tal-assi [text block] | blokka tat-test | IAS 36 Divulgazzjoni |
| Divulgazzjoni tat-taxxa fuq l-introjtu [text block] | blokka tat-test | IAS 12 Divulgazzjoni |
| Divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar l-impjegati [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar membri kruċjali tal-maniġment [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-kuntratti ta' assigurazzjoni [text block] | blokka tat-test | IFRS 4 Divulgazzjoni |
| Divulgazzjoni tad-dħul mill-primjums tal-assigurazzjoni [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-assi intanġibbli [text block] | blokka tat-test | IAS 38 Divulgazzjoni |
| Divulgazzjoni tal-assi intanġibbli u tal-avvjament [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-ispiża tal-imgħax [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-introjtu mill-imgħax [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-introjtu minn (tal-ispiża ta') l-imgħax [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-interessi f'entitajiet oħrajn [text block] | blokka tat-test | IFRS 12.1 Divulgazzjoni |
| Divulgazzjoni ta' rapportar finanzjarju interim [text block] | blokka tat-test | IAS 34 Il-kontenut ta' rapport finanzjarju interim |
| Divulgazzjoni tal-inventarji [text block] | blokka tat-test | IAS 2 Divulgazzjoni |
| Divulgazzjoni tal-obbligazzjonijiet tal-kuntratti ta' investiment [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-proprietà għall-investiment [text block] | blokka tat-test | IAS 40 Divulgazzjoni |
| Divulgazzjoni tal-investimenti kontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-investimenti minbarra l-investimenti kontabilizzati bl-użu tal-metodu ta' ekwità [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-kapital maħruġ [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-impriżi konġunti [text block] | blokka tat-test | IAS 27 17 b, IFRS 12 B4 b, IAS 27 16 b |
| Divulgazzjoni tal-prepagamenti ta' lokazzjoni [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-lokazzjonijiet [text block] | blokka tat-test | IFRS 16 Preżentazzjoni, IFRS 16 Divulgazzjoni |

▼ M4

| Tikketta | Tip | Referenzi għall-IFRSs |
|---|-----------------|--|
| Divulgazzjoni tar-riskju tal-likwidità [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tas-self u tal-avvanzi lill-banek [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tas-self u tal-avvanzi lill-klijenti [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tar-riskju tas-suq [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni ta' politiki kontabilistiċi sinifikanti [text block] | blokka tat-test | Data ta' skadenza 2023-01-01 IAS 1.117 Divulgazzjoni |
| Divulgazzjoni tal-valur nett tal-assi attribwibbli għat-titolari ta' unitajiet [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-interessi nonkontrollanti [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-assi mhux kurrenti miżmuma għall-bejgħ u għal operazzjonijiet li ma tkomplewx [text block] | blokka tat-test | IFRS 5 Preżentazzjoni u divulgazzjoni |
| Divulgazzjoni tal-assi mhux kurrenti jew tal-gruppi ta' disponiment ikklassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-għanijiet, tal-politiki u tal-proċessi għall-ġestjoni tal-kapital [text block] | blokka tat-test | IAS 1134 |
| Divulgazzjoni ta' assi oħrajn [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni ta' assi kurrenti oħrajn [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni ta' obligazzjonijiet kurrenti oħrajn [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni ta' obligazzjonijiet oħrajn [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni ta' assi mhux kurrenti oħrajn [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni ta' obligazzjonijiet mhux kurrenti oħrajn [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni ta' spiża operatorja oħra [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni ta' introjtu operatorju ieħor (spiża operatorja oħra) [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni ta' introjtu operatorju ieħor [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni ta' provvedimenti oħrajn, ta' obligazzjonijiet kontinġenti u ta' assi kontinġenti [text block] | blokka tat-test | IAS 37 Divulgazzjoni |
| Divulgazzjoni tal-prepagamenti u ta' assi oħrajn [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni ta' profitt (telf) minn attivajiet operatorji [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni ta' proprjetà, ta' impjanti u ta' tagħmir [text block] | blokka tat-test | IAS 16 Divulgazzjoni |
| Divulgazzjoni tal-provvedimenti [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tar-rikklassifikazzjoni tal-istrumenti finanzjarji [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |

▼ **M4**

| Tikketta | Tip | Referenzi għall-IFRSs |
|--|-----------------|---|
| Divulgazzjoni tal-kontijiet ta' differiment regolatorju [text block] | blokka tat-test | IFRS 14 Divulgazzjoni, IFRS 14 Preżentazzjoni |
| Divulgazzjoni tar-riassigurazzjoni [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-parti relatata [text block] | blokka tat-test | IAS 24 Divulgazzjonijiet |
| Divulgazzjoni tal-ftehimiet ta' riakkwist u tal-ftehimiet ta' retro riakkwist [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-ispiża fuq ir-riċerka u l-iżvilupp [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tar-riżervi f'ekwità [text block] | blokka tat-test | IAS 1 79 b |
| Divulgazzjoni tal-flus u tal-ekwivalenti ta' flus ristretti [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tad-dħul [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tad-dħul minn kuntratti mal-klijenti [text block] | blokka tat-test | IFRS 15 Divulgazzjoni, IFRS 15 Preżentazzjoni |
| Divulgazzjoni ta' rapporti finanzjarji separati [text block] | blokka tat-test | IAS 27 Divulgazzjoni, IFRS 12 Objettiv |
| Divulgazzjoni tal-arranġamenti għall-konċessjoni ta' servizz [text block] | blokka tat-test | SIC 29 Kunsens |
| Divulgazzjoni ta' kapital azzjonarju, ta' riżervi u ta' interess ta' ekwità ieħor [text block] | blokka tat-test | IAS 1 79 |
| Divulgazzjoni tal-arranġamenti ta' pagamenti bbażati fuq l-ishma [text block] | blokka tat-test | IFRS 2 44 |
| Divulgazzjoni tal-obbligazzjonijiet subordinati [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tas-sussidjarji [text block] | blokka tat-test | IAS 27 17 b, IFRS 12 B4 a, IAS 27 16 b |
| Divulgazzjoni ta' politiki kontabilistiċi sinifikanti [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 |
| Divulgazzjoni tat-taxxi riċevibbli u pagabbli [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-ammonti pagabbli tan-negożju u tal-ammonti pagabbli oħrajn [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tar-riċevibbli tan-negożju u ta' riċevibbli oħrajn [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-introjtu operatorju (spiża operatorja) [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Divulgazzjoni tal-ishma tat-teżor [text block] | blokka tat-test | IAS 1 10 e |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-assi bijoloġiċi [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |

▼ **M4**

| Tikketta | Tip | Referenzi għall-IFRSs |
|--|-----------------|-----------------------|
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-kostijiet tat-teħid b'self [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għat-teħid b'self [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-kombinamenti ta' negozji [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-kombinamenti ta' negozji u għall-avvjament [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-flussi tal-flus [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-kollateral [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għax-xogħol ta' kostruzzjoni li għaddej [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-obbligazzjonijiet kontinġenti u għall-assi kontinġenti [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-kostijiet tal-akkwiżizzjoni tal-klijent [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-programmi ta' lealtà tal-klijenti [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-provvedimenti ta' dekommissjonar, ta' restawr u ta' rijabilitazzjoni [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Divulgazzjoni tal-politika kontabilistika għall-kostijiet tal-akkwiżizzjoni differita li jinħolqu minn kuntratti ta' assigurazzjoni [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għat-taxxa fuq l-introjt differit [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-ispiża tad-deprezzament [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-irtirar tar-rikonoxximent ta' strumenti finanzjarji [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-istrumenti finanzjarji derivattivi [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-istrumenti finanzjarji derivattivi u għall-iħħeġġjar [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għad-determinazzjoni tal-komponenti ta' flus u ta' ekwivalenti ta' flus [text block] | blokka tat-test | IAS 7 46 |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-operazzjonijiet li ma tkomplewx [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-iskontijiet u għar-ribassi [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għad-dividendi [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |

▼ M4

| Tikketta | Tip | Referenzi għall-IFRSs |
|--|-----------------|-----------------------|
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-qliġ għal kull sehem [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għad-drittijiet tal-emissjoni [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-benefiċċji tal-impjegati [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-ispiża relatata mal-ambjent [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għal entrati eċċezzjonali [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-ispejjeż [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-infiq fuq l-esplorazzjoni u l-evalwazzjoni [text block] | blokka tat-test | IFRS 6 24 a |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-kejl tal-valur ġust [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-introjt mit-tariffi u mill-kummissjonijiet u għall-ispiża tagħhom [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-kostijiet tal-finanzjament [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-introjt u għall-kostijiet tal-finanzjament [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-assi finanzjarji [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-garanziji finanzjarji [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-istrumenti finanzjarji [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-istrumenti finanzjarji fuq il-bażi tal-valur ġust permezz ta' profitt jew telf [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-obbligazzjonijiet finanzjarji [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-qlib ta' munita barranija [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għat-tariffi ta' frankiġja [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għal munita funzjonali [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-avvjament [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-ġhotjiet mill-gvern [text block] | blokka tat-test | IAS 20 39 a |

▼ M4

| Tikketta | Tip | Referenzi għall-IFRSs |
|---|-----------------|-----------------------|
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-iħħeġġjar [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-investimenti miżmuma sal-maturità [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-indeboliment tal-assi [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-indeboliment tal-assi finanzjarji [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-indeboliment tal-assi mhux finanzjarji [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għat-taxxa fuq l-introjtu [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għal kuntratti ta' assigurazzjoni u l-assi, l-obbligazzjonijiet, l-introjtu u l-ispiża relatati [text block] | blokka tat-test | IFRS 4 37 a |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-assi intanġibbli u għall-avvjament [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-assi intanġibbli minbarra għall-avvjament [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-introjtu u għall-ispiża tal-imgħax [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-investment f'kumpaniji assoċjati [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-investment f'kumpaniji assoċjati u f'impriżi konġunti [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-investment f'impriżi konġunti [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-proprjetà għall-investment [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-investimenti minbarra l-investimenti kontabbilizzati bl-użu tal-metodu ta' ekwità [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-kapital maħruġ [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għal-lokazzjonijiet [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għas-self u għar-riċevibbli [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-kejl tal-inventarji [text block] | blokka tat-test | IAS 2 36 a |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-assi tal-minjieri [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |

▼ M4

| Tikketta | Tip | Referenzi għall-IFRSs |
|--|-----------------|-----------------------|
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għad-drittijiet tal-minjieri [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-assi mhux kurrenti jew għall-gruppi ta' disponiment ikklassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-assi mhux kurrenti jew għall-gruppi ta' disponiment ikklassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ u l-operazzjonijiet li ma tkomplewx [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għat-tpaċija ta' strumenti finanzjarji [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-assi taż-żejt u tal-gass [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-assi tal-programmazzjoni [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għal proprjetà, għal impjanti u għal tagħmir [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-provvedimenti [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għar-riklassifikazzjoni ta' strumenti finanzjarji [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għar-rikonoxximent tad-differenza fil-profit jew telf bejn il-valur ġust fir-rikonoxximent inizjali u l-prezz tat-tranżazzjoni [text block] | blokka tat-test | IFRS 7 28 a |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għar-rikonoxximent tad-dħul [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-kontijiet ta' differiment regolatorji [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għar-riassigurazzjoni [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għat-tiswijiet u għall-manutenzjoni [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-ftehimiet ta' riakkwist u għall-ftehimiet ta' retro riakkwist [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-ispiża fuq ir-riċerka u l-iżvilupp [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-flus u għall-ekwivalenti ta' flus ristretti [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għar-rapportar fuq is-segment [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-arranġamenti għall-konċessjoni ta' servizz [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għat-tranżazzjonijiet ta' pagamenti bbażati fuq l-ishma [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-kostijiet tat-tneħħija tal-iskart [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |

▼ **M4**

| Tikketta | Tip | Referenzi għall-IFRSs |
|---|-----------------|-----------------------|
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għas-sussidjarji [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għat-taxxi minbarra t-taxxa fuq l-introjtu [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-benefiċċji tat-terminazzjoni [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-ammonti pagabbli tan-negozju u għal ammonti pagabbli oħrajn [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għar-riċevibbli tan-negozju u għal riċevibbli oħrajn [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-introjtu u għall-ispiża tan-negozju [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għat-tranżazzjonijiet b'interessi nonkontrollanti [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għat-tranżazzjonijiet ma' partijiet relatati [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għall-ishma tat-teżor [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni tal-politika kontabilistika għaċ-ċertifikati [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |
| Deskrizzjoni ta' politiki kontabilistiċi oħrajn rilevanti għall-fehim tar-rapporti finanzjarji [text block] | blokka tat-test | IAS 1117 b |

▼B*ANNEX III***Speċifikazzjonijiet applikabbli ta' Inline XBRL**

1. L-emittenti għandhom jiżguraw li d-dokument ta' istanza tal-Inline XBRL ikun validu fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni Inline XBRL 1.1 u li jkun konformi mar-Reġistru tal-Unitajiet ta' XBRL.
2. L-emittent għandu jiżgura li l-fajls tat-tassonomija tal-estensjoni XBRL tal-emittent ikunu validi fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet XBRL 2.1 u XBRL Dimensions 1.0.
3. L-emittenti għandhom jissottomettu d-dokument ta' istanza tal-Inline XBRL u l-fajls tat-tassonomija tal-estensjoni XBRL tal-emittent bħala pakkett ta' rapportar wieħed, fejn il-fajls tat-tassonomija tal-XBRL jiġu ppakkjati skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-Pakketti tat-Tassonomija.
4. L-emittenti għandhom jiżguraw li kemm id-dokument ta' istanza tal-Inline XBRL kif ukoll it-tassonomija tal-estensjoni tal-emittent jirrispettaw ir-rekwiżiti tar-regoli tal-immarkar u tas-sottomissjoni stabbiliti fl-Anness IV.



ANNEX IV

Regoli tal-immarkar u tas-sottomissjoni

1. L-emittenti għandhom jiżguraw li d-dokument ta' istanza tal-Inline XBRL ikun fih id-*data* ta' emittent wieħed, sabiex b'hekk l-identifikaturi tal-entitajiet kollha fil-kuntesti jkollhom kontenut identiku.
2. L-emittenti għandhom jidentifikaw lilhom infushom fid-dokument ta' istanza tal-Inline XBRL bl-użu tal-identifikaturi tal-entità legali ISO 17442 fuq l-identifikaturi u l-iskemi tal-entità tal-kuntest XBRL.
3. Meta jimmarkaw id-divulgazzjonijiet, l-emittenti għandhom jużaw l-element tat-tassonomija fundamentali bl-eqreb tifsira kontabilistika għad-divulgazzjoni li tkun qed tiġi mmarkata. Fejn jidher li jkun hemm għażla ta' elementi ta' tassonomija fundamentali, l-emittenti għandhom jaġġżlu l-element bl-aktar tifsira ta' kontabbiltà u/jew kamp ta' applikazzjoni limitati.
4. Jekk l-element ta' tassonomija fundamentali l-aktar qrib jirrappreżenta ħażin it-tifsira ta' kontabbiltà tad-divulgazzjoni li tiġi mmarkata kif rikjest mill-punt 3, l-emittenti għandhom joħlqu element ta' tassonomija tal-estensjoni u jużaw sabiex jimmarkaw id-divulgazzjoni kkonċernata. L-elementi kollha tat-tassonomija tal-estensjoni maħluqa:
 - (a) ma għandhomx jidduplikaw it-tifsira u l-kamp ta' applikazzjoni ta' kwalunkwe element tat-tassonomija fundamentali;
 - (b) għandhom jidentifikaw il-kreatur tal-element;
 - (c) għandhom jiġu assenjati attribut ta' bilanċ xieraq;
 - (d) għandu jkollhom tikketti standard fil-lingwa li tikkorrespondu għal-lingwa tar-rapport finanzjarju annwali. Huwa rakkomandat li jiżdedu tikketti b'lingwi addizzjonali. It-tikketti kollha għandhom jikkorrespondu għat-tifsira ta' kontabbiltà u l-kamp ta' applikazzjoni tal-kunċetti tan-negozju sottostanti deskritti.
5. L-emittenti għandhom jiżguraw li kull element tat-tassonomija ta' estensjoni li jintuża sabiex jimmarka divulgazzjoni fir-rapport finanzjarju annwali jkun inkluż f'mill-inqas ġerarkija waħda tal-presentation linkbase u tad-definition linkbase tat-tassonomija ta' estensjoni.
6. L-emittenti għandhom jużaw il-calculation linkbases tat-tassonomiji ta' estensjoni tagħhom sabiex jiddokumentaw relazzjonijiet aritmetiċi bejn il-qalba numerika u/jew l-elementi tat-tassonomija ta' estensjoni, b'mod partikolari għar-relazzjonijiet aritmetiċi bejn l-elementi tat-tassonomija ta' estensjoni u/jew daww fundamentali mir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja, mir-rapport tal-introjtu u ta' introjtu komprensiv ieħor, mir-rapport tal-bidliet fl-ekwità u mir-rapport tal-flussi tal-flus.
7. Sabiex jidentifikaw ma' liema parti tar-rapporti finanzjarji huma relatati l-markaturi, l-emittenti għandhom jużaw elementi ddedikati tat-tassonomija fundamentali bħala punti tat-tluq għall-partijiet rispettivi tar-rapporti finanzjarji fil-presentation linkbases tat-tassonomija ta' estensjoni tagħhom. L-ismijiet tal-elementi, it-tikketti u l-prefissi ta' dawn l-elementi tat-tassonomija fundamentali għandhom ikunu kif stabbiliti fit-Tabella 1.



Tabella

Ismijiet tal-elementi, tikketti u prefissi tal-elementi fundamentali

| Prefiss | Isem l-element | Tikketta |
|-----------|---|--|
| ifrs-full | StatementOfFinancial PositionAbstract | Spazju riżervat għal rapport tal-pożizzjoni finanzjarja - din l-entrata GĦANDHA tintuża bħala punt tat-tluq għar-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja |
| ifrs-full | IncomeStatement Abstract | Spazju riżervat għal profitt jew telf - din l-entrata GĦANDHA tintuża bħala punt tat-tluq għar-rapport tal-introjtu jekk ir-rapport tal-introjtu jiġi divulgat separatament |
| ifrs-full | StatementOfCompre hensiveIncomeAbstract | Spazju riżervat għal rapport tal-introjtu komprensiv - din l-entrata GĦANDHA tintuża bħala punt tat-tluq għar-rapport tal-introjtu komprensiv jekk dan jiġi divulgat separatament jew meta r-rapport tal-introjtu u r-rapporti ta' introjtu komprensiv ieħor jiġu kkombinati f' rapport wieħed |
| ifrs-full | StatementOfCash FlowsAbstract | Spazju riżervat għal rapport tal-flussi tal-flus - din l-entrata GĦANDHA tintuża bħala punt tat-tluq għar-rapport tal-flussi tal-flus |
| ifrs-full | StatementOfChangesIn EquityAbstract | Spazju riżervat għal rapport tal-bidliet fl-ekwità - din l-entrata GĦANDHA tintuża bħala punt tat-tluq għar-rapport tal-bidliet fl-ekwità |
| esef_cor | NotesAccountingPolicies AndMandatoryTags | Spazju riżervat għal noti, politiki ta' kontabbiltà u elementi mandatorji tat-tassonomija fundamentali - din l-entrata GĦANDHA tintuża bħala punt tat-tluq għall-markaturi tad-divulgazzjonijiet fin-noti għar-rapporti finanzjarji |

L-elementi ewlenin iddedikati tat-tassonomija għandhom jiġu inklużi wkoll fil-fajls tat-tassonomija XBRL imħejjija mill-ESMA.

8. Fit-tassonomiji tal-estensjoni tagħhom, l-emittenti ma għandhomx jissostitwixxu t-tikketti jew ir-referenzi tal-elementi ewlenin tat-tassonomija. Jistgħu jiżdiedu tikketti speċifiċi tal-emittent mal-elementi ewlenin tat-tassonomija.
9. L-emittenti għandhom jiżguraw li l-elementi tat-tassonomija tal-estensjoni tal-emittent li jimmarkaw ir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-introjtu u ta' introjtu komprensiv ieħor, ir-rapport tal-bidliet fl-ekwità u r-rapport tal-flussi tal-flus fir-rapporti finanzjarji kkonsolidati tal-IFRS jiġu ankrati ma' wieħed jew aktar mill-elementi ewlenin tat-tassonomija. B' mod partikolari:
 - (a) l-emittent għandu jankra l-element tat-tassonomija tal-estensjoni tiegħu mal-element ewleni tat-tassonomija li għandu l-usa' tifsira u/jew kamp ta' applikazzjoni li tkun l-egreb għal dak l-element tat-tassonomija tal-estensjoni tal-emittent. L-emittent għandu jidentifika r-relazzjoni tal-element tat-tassonomija tal-estensjoni kkonċernat mal-element ewleni tat-tassonomija kkonċernat fid-definition linkbase tat-tassonomija tal-estensjoni tal-emittent. L-element tat-tassonomija tal-estensjoni għandu jidher bħala l-mira tar-relazzjoni;

▼B

- (b) l-emittent jista' jankra l-element tat-tassonomija tal-estensjoni mal-element jew l-elementi ewlenin tat-tassonomija li jkollhom l-idjeq tifsira u/jew kamp ta' applikazzjoni li tkun l-eqreb għal dak l-element tat-tassonomija tal-estensjoni kkonċernat. L-emittent għandu jidentifika r-relazzjoni tal-element tat-tassonomija tal-estensjoni kkonċernat mal-element jew l-elementi ewlenin tat-tassonomija kkonċernati fid-definition linkbase tat-tassonomija tal-estensjoni tal-emittent. L-element tat-tassonomija tal-estensjoni għandu jidher bħala s-sors tar-relazzjoni jew relazzjonijiet. Meta l-element tat-tassonomija tal-estensjoni jikkombina numru ta' elementi ewlenin tat-tassonomija, l-emittent għandu jankra dak l-element tat-tassonomija tal-estensjoni ma' kull wieħed minn daww l-elementi ewlenin tat-tassonomija, għajr kwalunkwe element jew elementi ewlenin tat-tassonomija bħal dawn, li raġonevolment jitqiesu bħala insinifikanti.
10. Minkejja l-punt 9, l-emittenti ma għandhomx bżonn jankraw ma' element ewleni ieħor tat-tassonomija element tat-tassonomija tal-estensjoni li jintuża sabiex jimmarka divulgazzjoni fir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja, fir-rapport tal-introjt jew ta' introjt komprensiv ieħor, fir-rapport tal-bidliet fl-ekwità jew fir-rapport tal-flussi tal-flus bħala subtotal ta' divulgazzjonijiet oħrajn fl-istess rapport.
11. L-emittenti għandhom jiżguraw li t-tip ta' *data* u t-tip ta' perjodu ta' element tat-tassonomija li jintuża sabiex jimmarka divulgazzjoni jirrifletti t-tifsira kontabilistika tad-divulgazzjoni mmarkata. L-emittenti ma għandhomx jiddefinixxu u japplikaw tip abitwali għal element tat-tassonomija, jekk diġà jkun ġie definit tip xieraq mill-ispeċifikazzjonijiet tal-*XBRL* jew fir-Reġistru tat-Tipi ta' *Data* tal-*XBRL*.
12. Meta jimmarkaw id-divulgazzjonijiet, l-emittenti ma għandhomx jużaw elementi numeriċi tat-tassonomija sabiex jimmarkaw valuri differenti għal kuntest partikolari (entità, perjodu u tqassim dimensjonali), sakemm id-differenza ma tkunx ir-riżultat ta' arrotondament relatat mal-preżentazzjoni tal-istess informazzjoni bi skala differenti f'aktar minn post wieħed fl-istess rapport finanzjarju annwali.
13. Meta jimmarkaw id-divulgazzjonijiet, l-emittenti għandhom jużaw elementi mhux numeriċi tat-tassonomija b'mod li jimmarkaw id-divulgazzjonijiet kollha li jaqblu mad-definizzjoni tal-element rispettiv. L-emittenti ma għandhomx japplikaw il-markaturi parzjalment jew b'mod selektiv biss.
14. L-emittenti għandhom jiżguraw li d-dokument ta' istanza tal-*Inline XBRL* ma jkun fih ebda kodiċi li jista' jiġi eżegwit.

▼B*ANNEX V***Fajls tat-tassonomija XBRL**

